# RIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Gunju 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 310/94 DS**

Adrian P. Genovese

vs

Edward Farrugia, u b'digriet tat-13 ta' Frar 2001 stante l-mewt ta' Edward Farrugia l-gudizzju gie trasfuz f'isem Celine Farrugia, Andre` Farrugia u Colette mart Steven Crisp; Carmelina D'Alessandro, Juliette Wismayer, Carmelina Borg, Anna Galea, Giovanna Fenech Adami, Frank Galea, Philip Galea, Wallace Galea, Jantes Buhagiar, Dr. Edwin Galea, Dr. Philip Galea, Paul Galea, Joanne Brincat, Madre Mariellina Pisani ghan-nom u in rapprezentanza tal-Istitut Fra Diego tal-Hamrun,

u Badessa Maria Immacolata Bellizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-Sorijiet Poor Clares ta' San Giljan; u b'nota ta' l-14 ta' April 1994 l-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-Sorijiet Poor Clares ta' San Giljan minflok il-Badessa Maria Immacolata Bellizzi; u b'digriet tal-5 ta' Gunju 2002 stante l-mewt ta' Anna Galea l-gudizzju gie trasfuz f'isem l-imsemmijin Juliette Wismayer, Carmelina Borg, Giovanna Fenech Adami u Jantes sive Jeanthese Buhagiar

Illum, 12 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi Paul Felice Pace bin Joseph u Irene nee' Azzopardi li twieled Valletta miet fil-wiehed u tletin ta' Ottubru tal-elf disa' mija u sitta u sittin (31/10/66) (Dok. F);

Illi mir-ricerki testamentarji, (dokumenti 1, 2 u 3) irrizulta li ghamel zewg testmenti sigrieti datati tlieta u ghoxrin ta' Gunju elf disa' mija u hamsa u sittin (23/06/65) u modifikat fis-sitta u ghoxrin ta' Settembru elf disa' mija u sitta u

sittin (26/09/66) li wara kienu gew ippublikati minn Nutar Mario Bonello fit-tlieta ta' Dicembru elf disa' mija u sitta u sittin (03/12/660, (Dokumenti G u H);

Illi fost disposizzjonijiet ohra innomina uzufruttwarji generali lil martu Frances Felice Pace u wara l-mewt lill-ohtu Antonietta Felice Pace, u nnomina eredi tieghu u propjetarji assoluti in kwantu ghal nofs indiviz tal-assi tieghu lill-Istitut ta' Fra Diegu, Hamrun, in kwantu n-nofs tal-assi tieghu lis-Sorijiet tal-Orsolini ta' San Giljan;

Illi hu gie sopravissut minn martu Frances Felice Pace, bint Carmelo Galea u Anna nee' Magro, li twieldet Mqabba u mietet fit-tnejn u ghoxrin ta' Awissu tal-elf disa' mija u disgha u sebghin (22/08/79), (Dokument A);

Illi mir-ricerki testamentarji (Dokumenti B, C, u D) irrizulta li hi ghamlet testment pubbliku fil-wiehed u tletin ta' Ottubru elf disa' mija u hamsin (31/10/50) fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria u zewg testmenti sigrieti pprezentati minn Nutar Nikola Said fis-sebgha ta' Gunju elf disa' mija u wiehed u sittin (07/06/61) u erbgha u ghoxrin ta' Jannar elf disa' mija u sitta u sittin (20/01/66) li wara kien gie ppublikat minn Nutar Nikola Said fis-seba' ta' Frar elf disa' mija u tmenin (07/02/80);

Illi hi ma kellhix tfal kif jindika certifikat tal-kappillan (Dokument 5);

Illi l-genituri taghha Carmelo Galea fil-kummerc bin Michael u Guseppa nee Magro u martu Marianna bint Vincent Magro u Antonia nee' Laiviera kienu mietu qabilha (Dokumenti P – Q);

Illi fost disposizzjonijiet ohra hi innominat eredi universali propjetarji assoluti (a) f'wahda mill-erba' parti tal-assi taghha lil huha Michele Galea w in mankanza tieghu lill-uliedu u lid-dixxendenti; (b) f'wahda mill-erba' parti tal-assi taghha lill-huha Antonio Galea u in mankanza tieghu lill-uliedu u lid-dixxendenti; (c) f'wahda mill-erba' parti tal-assi taghha lill-ohtha Concetta armla minn Giuseppe Borg u in mankanza taghha lill-uliedha lid-dixxendenti; (d) f'wahda mill-erba' parti tal-assi taghha lil hames neputijiet taghha wlied ohtha Guzeppa mart Salvatore Farrugia cioe' Mary mart Salvinu Genovese, Annie, Edward sive Bernard, Carmelina mart Joseph D'Alessandro u Sacerdot George Ahwa Farrugia (AR – AV) fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' rispettivi w uliedhom f'kaz ta' xi hadd minnhom jigi nieqes qabel it-testatrici;

Illi Michael Galea fil-kummerc bin Carmelo u Anna nee' Magro mwieled Mqabba miet fid-disha u ghoxrin ta' Mejju elf disa' mija u sebghin (29/05/70) (Dokument I) u halla werrieta universali ta' gidu kollu lill-uliedu kollha cioe' Joseph, Edward, Mary mart Joseph Darmanin Demajo, Charles u Iris mart Victor Zammit fi kwoti ndaqs bejniethom (Dokumenti J – N);

Illi Antonio Galea fil-kummerc bin Carmelo u Anna nee' Magro mwieled mqabba miet fis-sebgha ta' Marzu elf disa' mija u sebgha u sittin (07/03/67) (Dokument O) u halla werrieta universali ta' gidu kollu lill-uliedu kollha cioe' Carmelina mart Joseph Borg, Vincent illum mejjet, Ann xebba, Juliette mart Charles Wismayer, Joseph illum mejjet u Giovanna mart Lino Fenech Adami fi kwoti ndaqs bejniethom (Dokumenti R - U);

Illi l-imsemmi Vincent Galea bin Antonio u Filippa nee' Grech miet fis-sitta ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u sebghin (06/09/78) (Dok. V) hu halla bhala

werrieta tieghu lill-erba' uliedu Philip, Francis Xavier, Joan Therese u Wallace fi kwoti ndaqs bejniethom (Dokumenti W – Z);

Illi l-imsemmi Joseph Galea bin Antonio u Filippa nee' Grech miet fit-12 ta' Settembru elf disa' mija u sitta u tmenin (12/09/86) (Dok. AA) hu halla bhala werrieta tieghu skond ricerki tesatamentarji (Dokumenti AF – AH) b'testment fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro tad-disa' u ghoxrin ta' Marzu elf disa' mija u sitta u hamsin (09/03/56) lill-erba uliedu Edwin, Philip, Guseppa Anna mart Edgar Brincat u Paul fi kwoti ndaqs bejniethom (Dokumenti AB – AE);

Illi Concetta armla ta' Joseph Borg bint Carmelo Galea u Anna nee' Magro mwielda Mqabba mietet fit-tlieta ta' Novembru elf disa' mija u sitta u sebghin (03/11/76) (Dokument A1) u halliet werrieta universali ta' gidha kollu lill-uliedha kollha cioe' Joseph, Carmelo sive Charles, Giulia mart Ernest German, Anne mard Bernard Smith u l-mejjet Nazzareno (Dokumenti AJ – AM);

Illi l-imsemmi Nazzareno Borg bin Joseph u Concetta nee Galea miet fit-tmienja ta' Jannar elf disa' mija u sebgha u tmenin (08/01/87) (Dokument AN) hu halla bhala werrieta tieghu lit-tlett uliedu Loraine mart Dottor James Calleja, Andrew u Geoffrey fi kwoti ndaqs bejniethom (Dokumenti A – AQ);

Illi l-kommunjoni tal-akkwisti bejn Paul u Frances Felice Pace ma giex likwidat u maqsum bejn l-eredi;

Illi Adrian Genovese bin Salvatore u Mary nee' Farrugia xtara minghand George Anna u Mary Genovese ahwa Farrugia sehemhom mill-wirt ta' Frances Felice Pace b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat wiehed u ghoxrin ta' Jannar elf disa' mija u hamsa u tmenin (21/01/85) (Dokument AW);

Illi Adrian Genovese bin Salvatore u Mary nee' Farrugia xtara minghand l-eredi kollha ta' Michael Galea sehemhom mill-wirt ta' Frances Felice Pace b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat tmienja u ghoxrin ta' Gunju elf disa mija u disghin (28/06/90) (Dokument AX);

Illi Adrian Genovese bin Salvatore u Mary nee' Farrugia xtaras minghand l-eredi kollha ta' Concetta Borg sehemhom mill-wirt ta' Frances Felice Pace b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat tnejn ta' April elf disa' mija u disghin (02/04/90) (Dok. AY);

Illi d-denunzji ta' Paul u Frances Felice Pace kienu saru u thallsu kif jidher mill-annessi dokumenti AZ u AB;

Illi Paul u Frances Felice Pace fost beni ohra kellhom il-propjeta' immobbli ndikata f'Dokument AB;

Illi l-attur ma jridx jibqa' kopropjetarju tal-eredi l-ohra u jrid jiehu sehemu minn din l-eredita';

talab li din il-Qorti:

1. tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-mejtin konjugi Paul u Frances Felice Pace;

2. taqsam din il-komunjoni kif likwidata f'zewg ishma u tassenja wahda lill-eredita ta' Paul Felice Pace u l-ohra lill-eredita ta' Frances Felice Pace;

3. tiddikjara u tillikwida x'inhuma l-assi parafernali tal-mejta Frances Felice pace okkorrendo permezz ta' Perit nominandi;

4. tiddikjara li l-eredita' u l-assi tal-mejta Frances Felice Pace jikkonsistu fin-nofs tal-akkwisti konjugali kif gia' likwidata u maqsuma u assenjata fl-ewwel zewg talbiet kif ukoll fl-assi partikolari u parafernali tal-mejta Frances Felice Pace kif tirrizulta mit-tielet talba;

5. tiddikjara miftuha l-eredita' ta' Frances Felice Pace u okkorrendo permezz ta' perit nominandi tordna li din l-eredita' tigi maqsuma in kwantu ghal tlettax il-parti minn ghoxrin (13/20) lill-attur; u in kwantu ghal parti minn ghoxrin kull wiehed lil Edward (Sive Bernard) Farrugia u Carmelina D'Alessandro ahwa Farrugia wlied Josephine Farrugia u kwantu ghal parti minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wiehed lil Juliette Wismayer, Carmelina Borg, Anna Galea u Giovanna Fenech Adami Ahwa Galea, ulied Antonio Galkea; u parti minn sitta u disghin (1/96) kull wiehed lil Frank Galea, Philip Galea, Wallace Galea, Jantes Buhagiar ahwa Galea ulied Vincent; u in kwantu parti minn sitta u disghin (1/96) kull wiehed lil Edwin Galea, Philip Galea, Paul Galea u Joanne Brincat ahwa Galea wlied Joseph, u dan kollu a bazi ta' testment sigriet tal-21 ta' Jannar 1966 tal-mejta Frances Felice Pace u a bazi ta' tlett kuntratti lkoll fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datati 21 ta' jannar 1985, 28 ta' jannar 1990 u 2 ta' April 1990;

6. jigi nominat nutar biex jippublika l-att tal-qasma fil-gurnata, hin u lok li jigi stabbilit fis-sentenza u kuratur ghall-kuntumaci u ghall-assenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenuta Giovanna Fenech Adami fejn qalet:

1. illi hija taqqbel ma divisjoni tal-assi ereditarji imsemmija salv verifika tal-kwoti u konsistenza.

2. Illi ghalhekk it-talbiet huma intempestivi u hija m'ghandiex tirrikorri fl-ispejjes.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Edwin Galea, Dr. Philip Galea, Paul Galea u Joanne Brincat fejn qalu:

1. Illi l-eccipjenti ma ghandhomx jehlu spejjes ta' din il-kawza ghax la ghandhom u qatt ma kellhom oggezzjoni ghal qsim tal-eredita – u dana dejjem urewh bic-car  u gia rikonoxxew it-talbiet tal-attur f'atti pubblici u privati.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmelina D'Alessandro fejn qalet:

1. Illi hija taqbel li ghandha ssir id-divizjoni tal-propjeta li ghad hemm in komuni bejn il-partijiet derivanti mill-assi ereditarji tal-konjugi mejta Paul u Frances Felice Pace, dan pero', salv il-verifika tal-kontenut

ezistenti llum fl-assi ereditarju, kif ukoll salv il-verifika tal-kwota spettanti lill-konvenuta;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba maghmula mill-istess Carmelina D'Alessandro fejn wara li ppremettiet:

Illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-konvenuta Carmela D'Alessandro qieghda tressaq kontra l-attur dawn it-talbiet rikonvenzjonali.

Illi l-assi ereditarji tal-mejtin konjugi Paul u Frances Felice Pace ghadhom ma gewx likwidati u ghaldaqstant ghadhom in komuni.

Illi l-attur Adrian Genovese zbanka flus, ircieva kirjiet u ghamel spejjes ghan-nom tal-eredita' minghajr id-debita awtorizzazzjoni taghha.

talbet lil din il-Qorti tipprefiggi zmien qasir u perentorju lill-attur sabiex:

1. jaghti rendikont komplet tal-amministrazzjoni tal-assi ereditarji tal-konjugi mejtin Paul u Frances Felice Pace li ghamel minghajr ma kien debitament awtorizzat mill-konvenuta Carmela D'Alessandro;

2. ihallas lill-konvenuta Carmela D'Alessandro flejjes migbura ghan-nom taghha minghajr id-debita awtorizzazzjoni u dana minghajr ma jnaqqas ebda spejjes li l-konvenuta ma awtorizzathux jikkuntratta.

B’riserva ta’ danni b’konsegwenza tal-agir illegali tal-attur.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba ta’ l-imsemmija Carmelina D’Alessandro fejn qal:

1. Illi din il-kontro talba tittratta amministrazzjoni ta’ cnus u kirjiet li ma jaqbzux il-Lm250.00 u b’hekk mhux kompetyenza ta’ din il-Qorti;

2. Illi ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk din il-kontro talba ma tistax tregi;

3. Illi l-attur kellu l-awtorizzzzjoni ta’ Carmela D’Alessandro permezz ta’ Dokumenti ADi u ADii biex jigbor kirjiet u cnus u biex jizbanka flus appartenenti lill-eredita ta’ Frances Felice Pace;

4. Illi l-attur kull sena kien jibghat rendikonti dettaljati annessi bhala dokument Adiii lill-Camela D’Alessandro tal-amministrazzjoni tieghu u b’hekk l-ewwel talba ta’ Carmela D’Alessandro hi frivola;

5. Illi meta l-attur baghat il-flus sehem ta’ D’Alessandro din baghtithom lura lill-attur flimkien ma’ ittra u b’hekk ma accettatx il-hlas – ghalhekk it-tieni talba hi frivola.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Juliette Wismayer fejn qalet:

1. Illi hija taqbel li ssir id-divizjoni mitluba; b'dan li qabel xejn ghandhom jigu verifikati l-kwoti u l-konsistenza ta' l-assi.

2. Illi stante illi t-talbiet huma intempestivi, hija m'ghandiex tbaghti l-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmelina Borg fejn qalet:

Illi hija ma topponix ruhha ghat-talbiet attrici salv il-verifika korretta tal-kwoti u il-konsistenza tal-assi in divizjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota pprezentata fl-14 ta' April 1994 li permezz taghha l-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-Sorijiet Poor Clares ta' San Giljan minflok il-Badessa Maria Immacolata Bellizzi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Dr. Alexander Cachia Zammit nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjent nomine qatt ma oggezzjona ghad-divizjoni mitluba mill-attur, tant illi sahansitra kkoopera mieghu sabiex tigi esplorata l-possibilita' ta' divizjoni bonarja, bi qbil bejn il-partijiet kollha kkoncernati, u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux jigi kkundannat ibati l-ispejjez ghal din l-azzjoni migjuba kontra tieghu.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Wallace Galea, Frank Galea, Philip Galea u Jantes Buhagiar fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok tali citazzjoni hija intempestiva stante li qabel xejn ghandha ssir l-appertura tas-successjoni ta’ Paul Felice Pace u Frances Felice Pace skond id-disposizzjonijiet appoziti tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta quddiem il-Qorti kompetenti.

2. Illi huma dejjem kienu disposti biex jersqu ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni ta’ l-imsemmi ereditajiet testimentali pero’ qatt ma gew interpellati u ghalhekk l-attur ghandu jsofri l-ispejjes ta’ l-istess.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li Madre Mariellina Pisani ghan-nom u in rapprezentanza tal-Istitut Fra Diego tal-Hamrun debitament notifikata baqghet kontumacja;

Rat in-nota tal-konvenuta Carmelina D’Alessandro pprezentata fit-3 ta’ Marzu 1995 li permezz taghha cediet il-kontro-talba taghha in vista ta’ transazzjoni datata 9 ta’ Frar 1995;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Marzu 1995 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza ta’ l-A.I.C. Anthony Bailey li gie nominat bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjonijiet debitament mahlufa mill-periti gudizzjarji;

Ikkunsidrat illi:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ereditajiet tal-konjugi Paul u Frances Felice Pace li mietu rispettivament fil-31 ta' Ottubru 1966 u fit-22 ta' Awissu 1979. L-attur akkwista diversi ishma ta' dawn l-ereditajiet izda baqa' in komunjoni ma' ohrajn u ghalhekk intavola din il-kawza sabiex jigi terminat dan l-istat ta' komunjoni.

2. Mid-dispozizzjonijiet testamentarji taghhom jirrizulta li, apparti numru ta' legati, filwaqt li Paul Felice Pace istitwixxa bhala eredi tieghu kwantu ghal nofs l-Istitut ta' Fra Diegu tal-Hamrun u kwantu ghan-nofs l-iehor is-Sorijiet Ursolini ta' San Giljan, Frances Felice Pace istitwiet bhala eredi taghha lil hutha Michele Galea, Antonio Galea u Concetta Borg fi kwota ta' kwart (1/4) indiviz kull wiehed u wahda minnhom u in mankanza taghhom favur uliedhom u dixxendenti, u r-rimanenti kwart (1/4) lin-neputijiet taghha ulied ohtha mejta Giuseppa Farrugia, u cioe` lil Mary Genovese, Annie, Bernard, Carmelina D'Alessandro u Sacerdot Don George Farrugia li ghalhekk wirtu kwota ta' 1/20 kull wiehed u wahda minnhom.

3. Mary Genovese, Annie Farrugia u Fr. George Farrugia bieghu s-sehem taghhom ta' 3/20 lill-attur permezz ta' kuntratt tal-21 ta' Jannar 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.

4. Bernard, ossia Edward, Farrugia miet fil-11 ta' Awissu 2000 u halla bhala eredi tieghu lil uliedu Celine, Andre` u Colette mart Steven Crisp li ghalhekk wirtu 1/3 ta' 1/20 kull wiehed u wahda minnhom, cioe` 1/60 kull wiehed u wahda minnhom.

5. Michele Galea miet fid-29 ta' Mejju 1970 u wirtuh il-hames uliedu, Joseph, Edward, Mary Darmanin Demajo, Charles u Iris Zammit. Minn dawn, Mary u Iris kienu rrinunzjaw ghall-wirt b'nota relattiva pprezentata fir-Registru tas-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Marzu 1986 u, kwindi, sehemhomakkumula a favur it-tlett huthom l-ohra. L-ohrajn, cioe', Joseph, Edward u Charles, bieghu sehemhom minn dan il-wirt lill-attur Adrian Genovese b'att tat-28 ta' Gunju 1990 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. B'Hekk din il-kwota ta' ¼ giet tappartjeni kollha kemm hi lill-attur Adrian Genovese.

6. Concetta Borg mietet fit-3 ta' Novembru 1976, u wirtuha wliedha Joseph, Carmelo, Giulia German u Anne Smith, u t-tlett itfal ta' binha nazzareno (li miet fit-8 ta' Jannar 1987) li huma Lorraine Calleja, Andrew u Geoffrey, ahwa Borg. Minn dawn Carmelo, Giulia German u wlied Nazzareno kienu rrinunzjaw ghal sehemhom mill-wirt u kwistjoni (ara Noti prezentati fis-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Novembru 1985, tal-5 ta' Dicembru 1986 u tal-25 ta' Frar 1987 rispettivament) u, kwindi, sehemhom akkumula a favur Joseph u Anne Smith. Dawn it-tnejn, min-nahaq taghhom bieghu sehemhom lill-attur Adrian Genovese b'att tat-2 t'April 1990 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. B'hekk, din il-kwota ta' ¼ giet tappartjeni kollha kemm hi lill-attur Adrian Genovese.

7. Antonio Galea miet fis-7 ta' Marzu 1967. Dan kellu sitt itfal, Carmelina Borg, Vincent, Ann, Juliette Wismayer, Joseph u Giovanna Fenech Adami. Minn Dawn, Ann mietet bla tfal fit-22 t'Awisu 1995 b'testment fl-atti tan-nutar Dottor Pierre Cassar tat-13 ta' Lulju 1994, fejn hatret bhala eredi taghha lil hutha Juliette Wismayer, Carmelina Borg u Giovanna Fenech Adami, u lil bint huha Vincent, Joan Theres Galea li, allura gew li akkwistaw sehem iehor 1/96 (1/4 x 1/6 x ¼) kull wiehed mill-wirt ta' Frances Felice Pace. Vincent Galea

miet fis-6 ta' Settembru 1978, u halla jirtuh lill-erba' wliedu Philip, Francis Xavier, Joan Therese u Wallace li, allura gew wirtu 1/96 (1/4 x 1/6 x ¼) kull wiehed mill-wirt ta' Frances Felice Pace. Joseph Galea wkoll miet, fit-12 ta' Settembru 1986 u wirtuh l-erba wliedu Paul, Edwin, Philip u Giuseppa Anne Brincat li, allura, gew li wirtu 1/96 (1/4 x 1/6 x ¼) kull wiehed mill-wirt ta' Frances Felice Pace. B'hekk din il-kwota ta' ¼ giet tappartjeni lil Carmelina Borg 5/96, Juliette Wismayer 5/96, Giovanna Fenech Adami 5/96, philip Galea 1/96, Francis Xavier Galea 1/96, Joan Therese Galea 2/96, Wallace Galea 1/96, Paul Galea 1/96, Edwin Galea 1/96, Philip Galea 1/96 u Giuseppa Anna Brincat 1/96.

8. B'hekk, kif tajjeb elenka l-perit legali fir-relazzjoni tieghu, il-wirt ta' Frances Felice Pace llum jappartjeni lis-segwenti persuni fil-kwoti ndikati:

| | |
|---|---|
| Adrian Genovese | 13/20 |
| Celine Farrugia | 1/60 |
| Andre` Farrugia | 1/60 |
| Colette Farrugia | 1/60 |
| Carmelina D'Alessandro | 1/20 |
| Carmelina Borg | 5/96 |
| Juliette Wismayer | 5/96 |
| Giovanna Fenech Adami | 5/96 |
| Philip Galea | 1/96 |
| Francis Xavier Galea | 1/96 |
| Joan Therese Galea | 2/96 |
| Wallace Galea | 1/96 |
| Paul Galea | 1/96 |
| Edwin Galea | 1/96 |

| | |
|---|---|
| Philip Galea | 1/96 |
| Giuseppa Anna Brincat | 1/96 |

9. Mill-banda l-ohra l-wirt ta’ Paul Felice Pace baqa’ kif kien, jigifieri nofs jappartjeni lill-Istitut ta’ Fra Diegu tal-Hamrun u nofs lis-Sorijiet ta’ l-Ursolini ta’ San Giljan.

10. Il-konsistenza ta’ l-assi tal-konjugi Felice Pace, kemm dik appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti kif ukoll dik parafernali appartenenti lil Frances Felice Pace, giet elenkata mill-attur fid-Dok. AB1 esebita minnu fis-seduta peritali tat-13 ta’ Gunju 1996. Din il-proprjeta` giet deskritta u stmata mill-perit tekniku l-A.I.C. Anthony Bailey fir-relazzjoni tieghu li ghaliha qed issir referenza a skans ta’ ripetizzjoni. Ma jirrizultax li hemm proprjeta` ohra li ghandha tinqasam, lanqas flus u beni mobbli peress li fuq dawn ma jidhirx li kien hemm problemi bejn il-werrieta, salv il-kontro-talba li ressqet il-konvenuta Carmelina D’Alessandro li mbaghad giet ceduta minnha fit-3 ta’ Marzu 1995.

11. Jigi osservat biss li fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid (a para. 10) li t-testatur Paul Felice Pace kellu proprjeta` partikolari f’317 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar li hallieh b’legat lil martu fl-artikolu 10 tat-testment tieghu tas-26 ta’ Settembru 1966 u li din il-proprjeta` nxtrat mill-attur fit-28 ta’ Gunju 1990 b’att tan-Nutar Dottor Joseph Tabone. Ghall-korrettezza jinghad li mid-denunzja ta’ l-istess Paul Felice Pace jirrizulta li din il-proprjeta` tinsab deskritta bhala parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u fil-fatt fl-ghaxar artikolu tat-testment tieghu tas-26 ta’ Settembru 1966 halla lil martu “kull sehem spettanti lili” mill-imsemmi fond. Di piu` l-attur m’akkwistax l-imsemmi fond b’kuntratt wiehed: akkwista 3/20 indiviz bil-kuntratt tal-21 ta’ Jannar 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok. AW a fol. 71), ¼ indiviz bil-kuntratt tat-28 ta’ Gunju 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok.

AX a fol. 75) u ¼ indiviz b'kuntratt iehor tat-2 ta' April 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok. AY a fol. 79). Huwa akkwista r-rimanenti 7/20 permezz ta' kuntratt iehor tat-28 ta' Gunju 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok. Z4 esebit flimkien ma' dokumenti ohra permezz ta' nota ta' l-attur tat-13 ta' Frar 2002).

12. Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku, wara li ghamel l-istima tal-proprjeta` kollha in kwistjoni, ikkonkluda li din il-proprjeta` mhijiex komodament divizibbli. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-proprjeta` ghandha tinbiegh bil-procedura ta' licitazzjoni u r-rikavat jinqasam, kwantu ghall-assi parafernali fl-ishma msemmija fil-paragrafu tmienja (8) hawn fuq filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-assi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, f'dawn il-porzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Istitut ta' Fra Diegu | 1/4 |
| Sorijiet ta' l-Ursolini (S. Giljan) | 1/4 |
| Adrian Genovese | 13/40 |
| Celine Farrugia | 1/120 |
| Andre` Farrugia | 1/120 |
| Colette Crisp | 1/120 |
| Carmelina D'Alessandro | 1/40 |
| Carmelina Borg | 5/192 |
| Juliette Wismayer | 5/192 |
| Giovanna Fenech Adami | 5/192 |
| Philip Galea | 1/192 |
| Francis Xavier Galea | 1/192 |
| Joan Therese Galea | 2/192 |
| Wallace Galea | 1/192 |

| | |
|---|---|
| Paul Galea | 1/192 |
| Edwin Galea | 1/192 |
| Philip Galea | 1/192 |
| Giuseppa Anna Brincat | 1/192 |

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi;

(1) tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti bejn il-mejtin konjugi Paul u Frances Felice Pace tikkonsisti fil-proprjeta` elenkata f'pagni erbatax (14) sa sittax (16) tar-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Anthony Bailey,

(2) tiddikjara li l-assi parafernali tal-mejta Frances Felice Pace tikkonsisti fil-proprjeta` elenkata f'pagna sittax (16) tar-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Anthony Bailey,

(3) tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` msemmija, kemm dik appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Paul u Frances Felice Pace kif ukoll dik appartenenti lill-assi parafernali ta' Frances Felice Pace, u dan b'riferenza ghall-valutazzjoni maghmula mill-istess perit tekniku ta' l-imsemmija proprjeta`,

(4) tordna li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet skond ir-rispettivi kwoti indikati fil-paragrafi numri tmienja (8) u tnax (12) hawn fuq.

Bl-ispejjez li jigu sopportati skond ir-rispettivi ishma tal-partijiet, 'dan li l-ispejjez relattivament ghall-kontro-talba ta' Carmelina D'Alessandro jigu sopportati mill-attur u mill-istess Carmelina D'Alessandro bla taxxa bejniethom.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**